Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

97, Triq Santa Marija,
Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

Laqgħa Reġjun Port - Nu 41/2024 tar-Raba' Amministrazzjoni

Data: Il-Ħamis, 28 ta' Novembru 2024

Ħin: 15:30

Bdiet: 15:30

Post: Uffiċju Amministrattiv Reġjun Port, 97 Santa Marija Street, Tarxien

Chev Paul Farrugia	President	Reġjun Port	Preżenti
Is-Sur Marco Agius	Sindku	Kunsill Lokali Bormla	Skużat
Sur John Boxall	Sindku	Kunsill Lokali Birgu	Skużat
Sur Clayton Cascun Portelli	Sindku	Kunsill Lokali Fgura	Preżenti
Sur Nigel Holland	Sindku	Kunsill Lokali Floriana	Preżenti
Sur Clive Pulis	Sindku	Kunsill Lokali Isla	Preżenti
Sur Wayne Aquilina	Sindku	Kunsill Lokali Kalkara	Preżenti
Sur Jason Silvio	Sindku	Kunsill Lokali Paola	Preżenti
Sur Joseph Abela Galea	Sindku	Kunsill Lokali Tarxien	Assenti
Sur Olaf McKay	Sindku	Kunsill Lokali Valletta	Preżenti
Sur Neil Attard	Sindku	Kunsill Lokali Xgħajra	Preżenti
Sur Jorge Grech	Sindku	Kunsill Lokali Zabbar	Preżenti
Sa Lianne Cassar	Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv	Reġjun Port	Preżenti

41. 1 Ittri ta' Apoloġija

41.1.1 Il-President semma li s-Sur Marco Agius u s-Sur John Boxall talbu li jkunu skużati għal din il-laqgħa peress li kellhom impennji personali. Fuq proposta tal-President, issekondata mis-Sur Clive Pulis, il-Kumitat qabel li dawk li infurmaw sabiex ikunu skużati mil-laqgħa għandhom jitniżlu bħala skużati. Il-President semma li s-Sur Abela Galea ma kienx informa li ser ikun skużat, għaldaqstant tniżżel assenti.

41.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu.40

41.2.1 Il-President ippreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nu. 40 hekk kif mibgħutha mis-Segretarju Eżekuttiv. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Jorge Grech, il-Kumitat approva l-minuti hekk kif preżentati.

Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

41.3 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta l-iskeda ta' pagamenti Nru 35

41.3.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mis-Sur Neil Attard u s-Clayton Cascun Portelli ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn il-31 t' Ottubru 2024 u t-28 ta' Novembru 2024 li kienet tammonta għall-€296,819.65.

41.4 Komunikazzjoni oħra mill-President

Il-President semma li għal-laqgħa li sejħet sabiex il-koordinaturi jiltaqgħu mas-Sindku u rappreżentanti tal-Kunsilli Lokali, b' dispjaċir jgħid li ma kienx hemm konkorrenza għal din il-laqgħa. Il-President semma li minkejja li din ser tati opportunita' lil kull lokalita' fi ħdan ir-Reġjun, ser ikunu biss il-Kunsilli Lokali li jikkollaboraw li ser jigwadanjaw jekk fl-eventwalita' ir-Reġjun flimkien mal-Birgu jieħdu t-titlu tal-Belt Kulturali Ewropea 2031.

41.4.1 Laqgħa mal-koordinaturi Bid Book – Belt Kapitali Ewropea 2031

L-Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv semmiet li hija kellha laqgħa separata mal-Board anki sabiex tippreżenta kopja tal-istudju tal-Impatt Soċjali kif ukoll l-istrateġija tar-Reġjun. Is-Segretarja semmiet li ser isegwu aktar laqgħat peress li kemm l-istudju kif ukoll l-istrateġija diġa fiha ħafna xogħol lest u li huwa utli wkolll sabiex jgħin l-istrateġija tal-Bid Book sabiex tiġi ppreżentata.

Is-Sur Nigel Holland xtaq ikun jaf kienx hemm diġa proposti mresqa minn xi Kunsilli, u l-President wieġbu li kien hemm sottomissjoni waħda tal-Kunsill Lokali tal-Fgura.

41.4.2 Post Vakant – Uffiċjal Maniġerjali tal-Kultura

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv semmiet li waqt il-laqgħa li kellha mas-Sur Rupert Cefai u t-tim tiegħu li qed jikkordinaw l-Bid Book, kien hemm diskussjoni sabiex ir-Reġjun jerġa' joħroġ il-post vakant għall-Uffiċjal Maniġerjali fil-Kultura imma bil-premessa li l-istess tim tas-Sur Cefai jara l-eliġibbilita' tas-sejħa u anki titfassal job description. Is-Segretarju spjega li dan huwa kruċjali li jsir peress li dan l-uffiċjal irid jiġbed l-istess ħabel tal-Fondazzjoni u anki jikkumplimentaha b' xogħolu. Għaldaqstant fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Jorge Grech kien hemm qbil li għandu jsir kif qed jiġi ssuġġerit.

41.4.3 Reġjun Kulturali 2026

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv semmiet li waqt il-laqgħa li kellha mas-Sur Rupert Cefai u t-tim tiegħu tkellmu wkoll fuq ir-Reġjun Kulturali 2026 u s-sejħa għall-Direttur Artistiku. Is-Segretarja spjegat li din is-sejħa ukoll trid toħroġ abbażi ta' linji gwida li t-tim li qed jaħdem fuq il-Bid Book irid joħroġ. Dan għaliex is-sena 2026 għandha tkun mera u riflessjoni ta' dak li r-Reġjun qed jaħdem fuqu mas-Sur Cefai u t-tim tiegħu. Għaldaqstant fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Jorge Grech

kien hemm qbil li għandu jibda l-kuntatt mal-Kunsill Malti għal Arti.
Il-President semma li ġewwa Berlin hu flimkien mas-Sur John Boxall u s-Sur Rupert Cefai għamlu ħafna kuntatti fis-settur. Semma wkoll li jrid ikun il-Gvern Ċentrali li jassisti sabiex dan ikun suċċess għax wieħed jirrikjedi diversi fondi.

41.4.4 Programm televiżiv

Il-President semma li kellu rikjesta sabiex ir-Reġjun jiffinanzja ħdax-il clip ta' 2 minuta kull wieħed u li jammontaw għal madwar €10,000 fil-programm Mill-Għatba 'l Barra.
Wara diskussjoni interna kien hemm qbil li r-Reġjun ma jipparteċipax f'dan il-programm anki meta fid-dawl li hemm stazzjonijiet jew programmi oħra li jistgħu jġibu features mingħajr ħlas fuq il-lokalitajiet kif ukoll fid-dawl li għal programmi ta' dan it-tip diġa hemm fondi allokati u għaldaqstant m' għandux joħroġhom ir-Reġjun.
Il-President semma li ser ikun qed jikkomunika dan mat-tim tal-produzzjoni tal-programm.

41.4.5 Immaniġjar tal-Iskart

Il-President semma li għaddejjin il-laqgħat bejn il-kuntrattur u l-avukati taż-żewġ partijiet.
Il-President semma li r-Reġjun irċieva komunikazzjoni mid-Dipartiment bħala notifika li kull multa trid tkun approvata mid-Dipartiment tal-Kuntratti u anki mid-Diviżjoni / s-Segretarju Permanenti. Komunikazzjoni mid-Dipartiment annessa.
Il-President semma li s-Segretarju ikkomunikat li fid-dawl ta' dan elenkat in-nuqqasijiet kollha li hemm bħalissa u li għal-laqgħat mal-avukati għandu jkun hemm rappreżentant mid-Dipartiment tal-Kuntratti u anki mid-Diviżjoni sabiex ikollhom għarfien ta' x'qed jiġri minn dan il-kuntratt anki jekk fl-eventwalita' ir-Reġjun ikollu jimmulta kif wara kollox kienet id-diskussjoni u d-direzzjoni tal-maġġoranza tas-Sindki fil-laqgħat preċidenti.
Il-President talab li anki l-minuti li huwa ħa waqt il-laqgħa mal-kuntrattur ikunu annessi mal-Minuti. Dokumenti annessi u mmarkati Dok A

41.4.6 Laqgħa Reġjun Port – Strateġija

Il-President fakkar li nhar il-Ħamis, 5 ta' Diċembru kienet ser tinżamm laqgħa sabiex ikun hemm diskussjoni aktar fid-dettall fuq l-istrateġija tar-Reġjun kif ukoll wara jkun hemm bibita tal-Milied.

Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

41.5 Preżentazzjoni u approvazzjoni tar-Reviżjoni tal-Estimi Finanzjarji għas-sena 2024 u aġġornament tal-Business Plan 2024 – 2028

41.5.1 Il-President preżenta r-rapporti preżentati mis-Segretarju Eżekuttiv, semmiet li wara li kien magħluq ir-Rapport ta' Tielet Kwart Finanzjarju għas-sena 2024 inħasset il-ħtieġa li ssir reviżjoni fl-estimi dan minħabba li r-reġjun għadu ma kellux żieda drastika fil-kera, ma kienx hemm żieda fl-istaff kif ukoll minħabba s-sitwazzjoni tal-immaniġjar tal-iskart.

41.5.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Clive Pulis, ir-rapporti ġew approvati hekk kif preżentati.

41.6 Aġġornament

41.6.1 Il-Laqgħa ġiet fi tmiemha fil-17:00, il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw u jerġgħu jiltaqgħu nhar it-Tlieta, 17 ta' Diċembru 2024 fit-15:30 fl-Uffiċju tar-Reġjun.

Chev Paul Farrugia
President Reġjun Port

Lianne Cassar
Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv